# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

**PAPA GIRGOR XIV**

Nikola Sfrondati twieled minn familja nobbli gewwa Somma Lombardo il-lum provincja ta' Varese. Wara li studja l-ligi gewwa Perugja u Padova haddan il-hajja ekklesjastika.





Huwa kien habib ta' San Karlu Borromeo li halla influwenza kbira fuqu. Kien nominat isqof ta' Cremona karigi li baqa' jzomm sas-sena 1590. Ha sehem fil-Koncilju ta' Trentu u kien favur li l-isqfijiet ikun residenti fid-djocesi taghhom, haga li giet accettata wara hafna diskussjoni mqanqla.

Il-Papa Girgor XIII hatru kardinal fis-sena 1583 u wara l-mewt ta' Girgor XIII, Filippu II ta' Spanja ndikah fost seba'

kardinali bhala li kellu jkun eligibbli. Bil-hidma ta' Montalto u Sforza d-diversi sezzjonijiet tefghu l-vot taghhom fuqu u hekk fil-5 ta' Dicembru 1590 kien maghzul papa u ha l-isem ta' Girgor XIV.

Kien fidil lejn Filippu II, izda ma cediex ghall-pulitika tieghu u ghen hafna lil Lega Kattolika biex tikkumbatti lil Ugonotti. Huwa pprojbixxa li l-ligi jkollha xi setgha fuq art ikkonsagrata. Huwa ta bidu ghar-revizzjoni tal-Vulgata tal-Bibbja ta' Sistu V li kienet kollha mimlija zbalji fuq suggeriment tal-kardinal Bellarmino. Fil-ghaks li sehh gewwa Ruma fis-sena 1590 baqa' mistghageb biz-zelu ta' Camillo de Lillis u d-dixxipli tieghu tant li ddecieda li jgholli l-kongregazzjoni ghal Ordni u sar protettur taghhom. Iggieled kontra il-pjaga tas-serq.

Hass li l-mewt kienet riesqa fuqu u talab biex johduh lejn il-Palazz ta' Venezja bit -tama li ftit mistrieh jaghmillu tajjeb u jigi f'tieghu. Izda dan ma garax u fis-16 ta' Ottubru 1591 miet wara li anqas sena shiha ma ghamel pontifikat.